



Brussell, 5 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15027/18

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)
2018/0218(COD)

AGRI 599
AGRIFIN 139
AGRISTR 96
AGRILEG 216
AGRIORG 109
CODEC 2182
CADREFIN 390

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1 9634/18 + COR 1 + ADD 1 9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1
Suġġett:	Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 c) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew - <i>Rapport ta' progress tal-Presidenza</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Ġunju 2018, bħala parti minn għadd ta' proposti legiſlattivi settorjali li jfasslu l-politika Ewropea, il-Kummissjoni ppubblikat pakkett ta' tliet proposti legiſlattivi għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) fil-perijodu 2021-2027. Dan jinkludi:
 - Element ċentrali, Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li jħaddan il-pagamenti diretti, l-interventi settorjali u l-iżvilupp rurali;
 - Regolament dwar il-finanzjament, ġestjoni u monitoraġġ tal-PAK (minn hawn 'il quddiem: Regolament Orizzontali), li jaġġorna u jissostitwixxi r-Regolament attwali bl-istess isem; u
 - Regolament emendatorju (ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) ta' prodotti agrikoli), li jemenda u jaġġorna r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 dwar l-OKS, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u (UE) Nru 229/2013 dwar il-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew.
2. Taħt il-Presidenza AT, dawn it-tliet proposti ġew diskussi fi 23 laqgħa fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma, 7 laqgħat tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA) u f'kull laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd". Għal kull waħda mill-proposti, il-Gruppi ta' Ħidma responsabbli tal-Kunsill lestew l-ewwel qari tat-test kollu. Il-ħidma kienet tinvolvi wkoll il-produzzjoni ta' kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet, spjegazzjonijiet bil-miktub mill-Kummissjoni u suġġerimenti ta' formulazzjoni mill-Presidenza. Din il-ħidma kollha ppermettiet lill-Presidenza tikkompila dan ir-Rapport ta' Progress, li għal kull waħda mill-proposti jindika fejn jinsab il-Kunsill fl-eżami tat-testi.

3. L-emendi ssuġġeriti mill-Presidenza għal kull waħda mit-tliet proposti huma ppreżentati fid-dokumenti 15046/18, 15058/18 u 14195/18. Il-Presidenza AT tenfasizza li l-emendi ssuġġeriti m'għandhomx jitqiesu bħala pożizzjoni miftiehma tal-Kunsill. Il-Presidenza AT temmen madankollu li d-delegazzjonijiet għamlu kull sforz biex jippermettu lill-Presidenza RO li jmiss tkompli l-ħidma ta' eżami abbażi ta' suġġerimenti konkreti ta' formulazzjoni.
4. Il-Gruppi ta' Ħidma rispettivi, abbażi tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u tal-ispedjegazzjonijiet u l-kontributi (bil-miktub) tal-Kummissjoni, bħalissa qed jeżaminaw is-suġġerimenti tal-Presidenza għall-abbozzar mill-ġdid tal-proposti tal-Kummissjoni. Peress li r-Regolament propost dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK huwa l-element ċentrali tar-riforma attwali tal-PAK, il-biċċa l-kbira tas-suġġerimenti għall-abbozzar mill-ġdid jinsabu hemmhekk. Fil-każ tar-Regolament Orizzontali propost, il-bidliet proposti mill-Presidenza huma inqas numerużi peress li l-Kummissjoni ma pproponietx ħafna bidliet meta mqabbel mar-Regolament attwali u peress li l-bidliet proposti ser jiddependu mir-riżultat tad-diskussjonijiet ta' politika sostanzjali b'rabta mar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Fejn jikkonċerna r-Regolament propost dwar l-OKS, diversi proposti inizjali kienu soġġetti għal modifiki biex jirriflettu l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri. Barra minn hekk, iddaħħlu xi suġġerimenti oħra wara proposti mid-delegazzjonijiet.
5. Il-Kunsill ma jistax jistabbilixxi l-pożizzjoni sħiħa tiegħu dwar it-tliet Regolamenti proposti dwar ir-riforma tal-PAK qabel ma jkun intlaħaq qbil dwar l-elementi politiċi u finanzjarji ewlenin tagħhom fin-negozjati orizzontali dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021-2027.

II. **IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT DWAR IL-PJANIJET STRATEĠIĊI TAL-PAK**

6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (GH KAO) inħatar bħala l-korp preparatorju tal-Kunsill responsabbli għall-eżami tekniku tal-proposta għal Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Taħt il-Presidenza AT, il-GH KAO ltaqa' 17-il darba biex jeżamina dik il-proposta, li kienet ukoll fuq l-aġenda ta' sitt laqgħat tal-KSA. F'żewġ okkażjonijiet (Lulju u Ottubru 2018), il-Ministri fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" kellhom skambju ta' fehmiet dwar xi aspetti ġenerali tal-proposta u pprovdew gwida għall-eżami tekniku tagħha.

7. L-ewwel qari tat-test kollu tal-proposta tlesta mill-GH KAO fit-13 ta' Settembru 2018. Ir-risultati tal-eżami tekniku ġew ippreżentati fil-qosor mill-Presidenza fi tliet rapporti dwar is-"sitwazzjoni attwali" (id-dokumenti 11490/18, 12228/18 u 12447/18), li ntlaqgħu b'mod ġenerali mill-KSA fl-10/24 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru. Il-Presidenza ġabret dawn ir-rapporti f'Rapport ta' Progress (dok. 12717/18) li ġie ppreżentat lill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru 2018.
8. Wara l-gwida li rċeviet mill-KSA u mill-Kunsill, kif ukoll skont il-kummenti ppreżentati mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza Awstrijaka abbozzat il-proposta tal-Kummissjoni mill-ġdid; il-bidliet issuġġeriti koprew it-Titoli kollha u l-maġġoranza tal-Artikoli, u kien fihom kemm aġġustamenti tekniċi kif ukoll bidliet aktar sostanzjali. Fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju, il-Presidenza:
- Ikkoordinat mal-Kummissjoni biex ikollha aktar kjarifika, meta kien jeħtieġ dan, fid-dawl tal-proċess għall-abbozzar mill-ġdid;
 - Ikkoreġiet xi żbalji ta' formulazzjoni fit-test propost, eż. kontroreferenzi ħżiena;
 - Iċċarat it-test u għamlitu aktar faċli biex jinqara;
 - Inkludiet xi aġġustamenti legali/lingwistiċi preliminari;
 - Ippruvat tilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti mid-delegazzjonijiet li jirriflettu xewqat komuni maqbula. Għal din ir-raġuni, ma setgħux jintlaqgħu s-suġġerimenti individwali kollha, iżda dawk biss li kienu l-aktar komuni jew li kienu orjentati f'direzzjoni aċċettabbli għall-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet;
 - Warrbet xi aspetti apposta (indikati bil-parentesi qaws {} fit-test tal-Presidenza mehmuż) li qieset li kienu jeħtieġu aktar riflessjoni jew li kien għadu ma wasalx iż-żmien biex tiġi proposta formulazzjoni alternattiva;
 - Żammet lura milli tabbozza mill-ġdid dispożizzjonijiet dwar ċerti elementi finanzjarji u orizzontali tal-proposta (indikati b'parentesi kwadri []), li mistennija jkunu parti min-negożjati orizzontali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.

9. Il-Preżidenza ppreżentat is-suġġerimenti tagħha għall-abbozzar lill-GH KAO fit-8 u t-22/23 ta' Novembru 2018. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu t-test tal-Preżidenza u qisuh bażi tajba għal aktar ħidma. Minbarra l-kummenti tagħhom bil-fomm li ngħataw fil-laqgħa, id-delegazzjonijiet ressqu kontributi bil-miktub. Il-Preżidenza kkunsidrat it-tnejn li huma meta ħejjiet is-suġġerimenti tagħha għall-abbozzar rivedut (dok. 15058/18), u applikat l-istess approċċ deskritt fil-punt 8.
10. Fil-proċess kollu tal-eżami, il-"mudell ta' implimentazzjoni ġdid" propost irriżulta bħala wieħed mill-elementi prinċipali tal-proposta dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Fil-fehma tal-Kummissjoni, suppost jiżgura bidla għal orjentazzjoni mmirata lejn il-prestazzjoni u jwassal ukoll għal simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika. Mid-diskussjonijiet fid-dettall li saru dwar il-"mudell ta' implimentazzjoni ġdid" u l-aspetti tiegħu ta' prestazzjoni fil-GH KAO, fil-KSA u fil-Kunsill, ħareġ ċar li d-delegazzjonijiet jistgħu jappoġġaw *fil-prinċipju* l-proposta għal bidla fil-politika, iżda li jenħtieġ aktar titjib biex is-sistema ssir aktar prattikabbli. Elementi li ser jeħtieġu aktar analiżi taħt il-Preżidenzi futuri jinkludu b'mod partikolari: i) l-opportunità li jiġu stabbiliti minn qabel il-valuri annwali għall-indikaturi tal-produzzjoni; ii) il-fattibbiltà ta' ammonti unitarji għal interventi mhux ibbażati fuq l-erja; iii) kemm huma adatti l-indikaturi proposti għar-riżultati; iv) il-modalitajiet u l-iskeda taż-żmien għar-rappurtar dwar objettivi intermedji; v) ir-rekwiżiti tar-rappurtar, flimkien mal-iskadenzi applikabbli tar-Regolament Finanzjarju u l-ħtieġa ta' assigurazzjoni fil-proċedura annwali tal-kwittanza.
11. Ser ikun meħtieġ ukoll aktar eżami ta' elementi oħra, inkluż uħud li l-Preżidenza Awstrijaka għamlet suġġerimenti għall-abbozzar għalihom u oħrajn li għadhom ma sarux suġġerimenti għall-abbozzar għalihom. B'mod partikolari, fix-xhur li ġejjin ser ikollha ssir analiżi bir-reqqa tal-indikaturi.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT ORIZZONTALI

12. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Finanzjarji (GH AGRIFIN) eżamina r-Regolament Orizzontali l-ġdid propost ħliet il-kapitoli dwar is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (is-SIAK) (Artikoli 63-73) u dwar is-sistema ta' kontroll u l-penali b'rabta mal-kundizzjonalità (Artikoli 84-87), li l-eżami tagħhom ġie fdat lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (GH KAO) minħabba l-kompetenza teknika speċifika disponibbli hemmhekk.
13. Taħt il-Presidenza AT, ġie ppreżentat Rapport ta' Progress tal-Presidenza dwar ir-Regolament Orizzontali lill-Kunsill Agrikoltura u Sajd ta' Novembru 2018 (dok. 14197/18). F'dan il-Kunsill, il-Ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta, li kkonċentra b'mod partikolari fuq l-implikazzjonijiet tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-mudell ta' implimentazzjoni ġdid fuq il-ħidma tal-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni u fuq jekk il-qafas il-ġdid propost tal-prestazzjoni annwali jagħmilx il-PAK aktar effiċjenti (dok. 14198/18).
14. Skont l-interventi mill-Ministri, jista' jiġi stabbilit li l-Istati Membri lesti b'mod ġenerali jikkunsidraw il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid propost u l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, iżda ċerti kwistjonijiet ġew indikati bħala li jeħtieġu aktar diskussjoni, bħal pereżempju: assistenza teknika (Artikoli 6 u 7); l-ammont ta' xogħol u r-responsabbiltajiet tal-korpi ta' governanza nazzjonali (Artikoli 8, 9 u 11), inkluż il-kwistjoni tan-numru ta' aġenziji tal-pagamenti; riżerva għall-agrikoltura (Artikolu 14); dixxiplina finanzjarja (Artikolu 15); obbligi ta' rappurtar; tnaqqis/sospensjoni tal-pagamenti (Artikoli 37-40); approvazzjoni finanzjarja annwali u approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni (Artikoli 51-52); perijodu ta' tranżizzjoni; u r-regola ta' N+3 għad-diżimpenn (Artikolu 32).

15. Wara l-Kunsill ta' Novembru, il-Presidenza AT ppreżentat lid-delegazzjonijiet għadd ta' suġġerimenti għall-abbozzar għal għażla ta' Artikoli fil-proposta bil-għan li t-test ta' dawn l-Artikoli jsir aktar aċċettabbli għad-delegazzjonijiet. Il-GH AGRIFIN iddiskuta dawn is-suġġerimenti għall-abbozzar, li jkopru kemm kjarifiki tekniċi tat-test ta' xi Artikoli kif ukoll bidliet aktar sostanzjali fit-test, fil-laqgħat tiegħu tal-21 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru. Id-delegazzjonijiet setgħu jappoġġaw b'mod ġenerali l-kjarifiki tekniċi ssuġġeriti, li l-Presidenza introduċiet fl-Artikoli li ġejjin fit-test tal-Presidenza tal-proposta għal Regolament Orizzontali (15046/18): Artikolu 6 "Nefqa tal-FAEŻR"; Artikolu 8 "Aġenziji tal-pagamenti u korpi ta' koordinazzjoni", paragrafu (3)(b); Artikolu 11 "Korpi taċ-ċertifikazzjoni", paragrafu (1)(d); Artikolu 15 "Dixxiplina finanzjarja", paragrafi (1) u (5); Artikolu 30 "Pagamenti interim", paragrafi (1), (3), (4), u (9); Artikolu 32 "Diżimpenn awtomatiku għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK", paragrafi (1), (2), u (4)(b); Artikolu 34 "Ebda finanzjament doppju"; Artikolu 55 "Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-FAEŻR", paragrafi (1) u (2); Artikolu 88 "Komunikazzjoni tal-informazzjoni", paragrafu (1); Artikolu 96 "Pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji", paragrafi (1) sa (3); u l-Artikolu 102 "Tħassir", paragrafu (1).
16. It-test tal-Presidenza jippreżenta wkoll għadd ta' suġġerimenti għall-abbozzar sostanzjali fl-Artikoli li ġejjin: Artikolu 3 "Eżenzjonijiet f'każijiet ta' forza maġġuri u f'ċirkustanzi eċċezzjonali"; Artikolu 8 "Aġenziji tal-pagamenti u korpi ta' koordinazzjoni", paragrafi (2), (2)(b) u (4); Artikolu 35 "Eliġibbiltà tan-nefqa tal-aġenziji tal-pagamenti"; Artikolu 52 "Approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni", paragrafi (2) u (3); Artikolu 75 "Skrutinju min-naħa tal-Istati Membri", paragrafu 3 ġdid; Artikolu 78 "Għajnuna reċiproka", paragrafu 2; Artikolu 79 "Programmazzjoni u rappurtar", titolu, paragrafu (2)(b) ġdid u paragrafi 5 u 6; Artikolu 80 "Dipartimenti speċjali", Artikolu sħiħ imħassar; Artikolu 81 "Rapporti", Artikolu sħiħ imħassar; u Artikolu 83 "Setgħat ta' implimentazzjoni", paragrafi (c) sa (g).

Għandu jkun innutat, madankollu, li għalkemm id-delegazzjonijiet jaqblu b'mod ġenerali mal-hteġa li jiġu emendati l-Artikoli msemmijin hawn fuq, ser ikun meħtieġ aktar eżami tas-suġġerimenti għall-abbozzar sostanzjali tal-Presidenza taħt il-Presidenza RO li jmiss.

17. Kwalunkwe bidla introdotta fit-test tal-Presidenza tal-proposta dwar is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (is-SIAK) (jiġifieri l-Artikoli 63-73) u dwar is-sistema ta' kontroll u l-penali b'rabta mal-kundizzjonalità (jiġifieri l-Artikoli 84-87) huma r-riżultat tal-ħidma fil-GH KAO. Il-GH KAO ser ikompli jeżamina dawn id-dispożizzjonijiet u r-riżultat finali tal-ħidma tal-GH KAO fuq dawk iż-żewġ kapitoli ser jiġi eventwalment integrat, mingħajr aktar diskussjoni fil-GH AGRIFIN, fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-proposta.
18. Biex il-Presidenza AT tħalli warajha perspettiva komprensiva tal-pożizzjoni tad-delegazzjonijiet dwar l-Artikoli indirizzati fl-isforzi għall-abbozzar mill-ġdid tal-Presidenza AT deskritti hawn fuq, kif ukoll dwar il-ħidma ulterjuri possibbli għall-abbozzar mill-ġdid li trid issir, fl-4 ta' Diċembru saret talba għal aktar kummenti, sabiex id-delegazzjonijiet jindikaw fejn u x'tip ta' bidliet ulterjuri jixtiequ li jsiru fil-proposta. Il-kontributi mid-delegazzjonijiet bi tweġiba għal din it-talba għal kummenti ser ikollhom jiġu pproċessati u analizzati fis-sena l-ġdida u jitressqu għad-diskussjoni fil-GH AGRIFIN taħt il-Presidenza RO li jmiss.
19. Id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali twarrbu sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parentesi kwadri fit-test, jinkludu: l-ammont tar-riżerva għall-agrikoltura u dak riportat tar-riżerva attwali għal kriżijiet (Artikolu 14(2)); ir-rimborż tad-dixxiplina finanzjarja lill-benefiċjarji (Artikolu 15(4)); ammonti inizjali ta' prefinanzjament (Artikolu 29(1)); id-data għad-diżimpenn awtomatiku u r-regola proposta ta' N+2 (Artikolu 32(1) u (4)); u l-Artikolu propost dwar is-sospensjoni tal-pagamenti b'rabta ma' nuqqasijiet fis-sistema ta' governanza (Artikolu 40).

IV. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT DWAR L-OKS

20. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli nħatar bħala l-korp preparatorju tal-Kunsill inkarigat mill-eżami tekniku tal-proposta, li beda f'Lulju 2018 u tkompla f'Settembru 2018 taħt il-Presidenza Awstrijaka. Matul dawn ix-xhur, sar l-ewwel eżami tal-proposta u l-Kummissjoni pprovdiet aktar kjarifika dwar aspetti speċifiċi tat-test.

21. L-ewwel qari tat-test kollu tal-proposta tlesta mill-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli fit-12 ta' Settembru 2018. Ir-riżultati tal-eżami tekniku ġew ippreżentati fil-qosor mill-Presidenza f'Rapport ta' Progress (dok. 14012/18¹), li ntlqa' b'mod ġenerali mill-KSA fis-6 u t-12 ta' Novembru.
22. Ir-Rapport ta' Progress tal-Presidenza ġie ppreżentat lill-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fid-19 ta' Novembru 2018. F'dan il-Kunsill, il-Ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta, u ffukaw b'mod partikolari fuq l-effikaċja tal-miżuri attwali ta' appoġġ tas-suq. Skont l-interventi tal-Ministri, seta' jiġi konkluż li bosta Stati Membri ma kellhomx xewqa kbira ta' rieżami tal-OKS u kienu tal-fehma li fis-snin reċenti l-Kummissjoni rnexxielha tuża l-istrumenti attwalment disponibbli b'mod flessibbli u puntwali.
23. Wara l-gwida li nġhatat mill-KSA u mill-Kunsill, kif ukoll skont il-kummenti magħmula mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza AT ppreżentat lid-delegazzjonijiet għadd ta' emendi ssuġġeriti (dok. 14195/18), inkluż kemm aġġustamenti tekniċi kif ukoll bidliet aktar sostanzjali. Fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju, il-Presidenza ppruvat tilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti mid-delegazzjonijiet li jirriflettu fehmiet komuni. Għal din ir-raġuni, ma setgħux jintlaqgħu s-suġġerimenti individwali kollha, iżda daww biss li kienu l-aktar komuni jew li kienu orjentati f'direzzjoni aċċettabbli għall-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet.
24. Il-Presidenza ser tippreżenta l-emendi ssuġġeriti tagħha lill-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli fit-12 ta' Diċembru 2018. Ħafna mill-bidliet fis-sustanza jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet marbuta mal-indikazzjonijiet ġeografiċi u mas-settur tal-inbid. Bidliet oħra għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 dwar l-OKS huma fil-biċċa l-kbira tekniċi u għandhom l-għan li jikkoreġu kontroreferenzi żbaljati jew tħassir b'rabta mar-riallokazzjoni tal-interventi settorjali għar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew ma' dispożizzjonijiet skaduti li japplikaw għas-settur taz-zokkor u jikkonċernaw is-sussidji fuq l-esportazzjoni.

¹ Ir-rapport ta' progress għall-OKS kif ippreżentat inizjalment fid-dokument 13578/18 ġie kkunsidrat mill-KSA fis-6 ta' Novembru. Il-KSA ddiskuta wkoll tliet kwistjonijiet proposti fir-rapport u pprova gwida għad-diskussjonijiet li qed ikomplu fil-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli.

25. Elementi li ser ikunu jeħtieġu aktar analiżi taħt il-Presidenzi futuri jinkludu dawk ippreżentati bejn parentesi qaws u b'mod partikolari: tħassir tas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni (punt 3), bidliet għar-regoli dwar l-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid (punt 5) u l-ftuħ tal-possibbiltà li jiġu klassifikati l-hekk imsejħa varjetajiet ta' għeneb tal-inbid projbiti (punti 6 u 9 (v)). Bil-għan li jsir progress f'dan tal-aħħar, il-Presidenza AT organizzat seminar tekniku fil-11 ta' Diċembru 2018 biex jiġu analizzati l-argumenti xjentifiċi favur u kontra l-proposta tal-Kummissjoni u jsir skambju ta' fehmiet dwar il-benefiċċji u l-iżvantaġġi tal-varjetajiet ibridi fil-kuntest ta' kwistjonijiet ambjentali u fitosanitarju.
26. Id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali twarrbu sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parentesi kwadri fit-test, jinkludu: (1) approprjazzjonijiet baġitarji għall-provvista ta' frott u ħxejjex u ta' ħalib u prodotti tal-ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (skema għall-iskejjel), (2) allokazżjonijiet baġitarji previsti fir-Regolament 228/2013 dwar ir-regġuni ultraperiferiċi u (3) allokazżjonijiet baġitarji previsti fir-Regolament 229/2013 dwar il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew.
-